Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, is-6 ta' Lulju 2023**

**Kaz Nru. 7496/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kurt Farrugia**
**Spettur Kevin Pulis)**

**Versus**

**Joseph Mary Borg**
**(0307350M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Joseph Mary Borg**, detentur tal-karta tal-identita' 0307350M.

Akkuzat talli f'Gunju, 2021 u/jew fix-xhur ta' qabel, f'diversi hinijiet matul il-gurnata, gewwa dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Akkuzat talli bil-mezz ta' karta miktuba, sew jekk anonima kemm jekk tkun iffirmata bl-isem tieghu nnifsu jew b'isem mahluq, hedded lil haddiehor b'xi delitt u cioe' ghad-detriment ta' Profs. Victoria Ann Cremona u/jew Dr. Simon Busuttil LL.D. u/jew is-Sinjura Kristina-Isabella Chetcuti u/jew Alessandra Dee Crespo;
2. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni ta' Dr. Simon Busuttil LL.D., persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi gab ruhu b'tali mod li ta fastidju lil Profs. Victoria Ann Cremona u/jew Dr Simon Busuttil LL.D. u/jew is-Sinjura Kristina-Isabella Chetcuti u/jew Alessandra Dee Crespo, u b'mod li kien jaf jew li missu kien jaf li dak li ghamel kien ta' fastidju ghal Profs. Victoria Ann Cremona u/jew Dr. Simon Busuttil LL.D. u/jew is-Sinjura Kristina Chetcuti u/jew Alessandra Dee Crespo;

4. U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi bl-imgieba tieghu, ikkaguna lil Profs. Victoria Ann Cremona u/jew Dr Simon Busuttil LL.D. u/jew is-Sinjura Kristina-Isabella Chetcuti u/jew Alessandra Dee Crespo, il-biza' li ser tintuza vjolenza kontra taghhom jew kontra l-proprjeta' taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa jew familjari ohra taghhom;

5. U aktar talli kkommetta reat waqt li kien taht ordni ta' probation, moghtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Imhallef Consuelo Scerri Herrera LL.D. nhar it-30 ta' Ottubru 2018, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

6. U aktar talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Imhallef Consuelo Scerri Herrera LL.D. nhar it-30 ta' Ottubru, 2018, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Qorti hija gentilment mitluba wkoll sabiex tordna lill-imputat ihallas id-danni ai termini tal-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2022.

Rat il-Pre Sentencing Report.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet fuq il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulenti legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

L-ammissjoni ta' l-imputat u l-apologija illi ghamel lill-*parte civile* fil-kaz odjern.

L-Artikolu 23(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat Artikolu 7, 8, 18, 31, 49, 50, 95, 222(1)(c), 249(1), 251A(1)(a)(b) u 251B(1) tal- Kapitolu 9, kif ukoll Artikolu 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, **qed issib lill-imputat hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u qed **tikkundannah ghal tnax-il xahar (12) prigunerija effettiva, kif ukoll ghal hlas ta' multa ghas-somma ta' tmien mitt Euro (€ 800).**
Inoltre ai termini ta' l-**Artikolu 412C tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti qed torbot lill-hati **Joseph Mary Borg b'Ordni ta' Protezzjoni** ghal

zmien **hames (5) snin** mil-lum ghall-**protezzjoni ta' Prof. Victoria Ann Cremona, Dr Simon Busuttil, Kristina Isabella Chetcuti u Alessandra Dee Crespo**. Il-Qorti fissret lill-hati bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Protezzjoni u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni, sabiex din il-Qorti taghti garanzija fil-konfront tal-*parte civile*, **Prof. Victoria Ann Cremona, Dr Simon Busuttil, Kristina Isabella Chetcuti u Alessandra Dee Crespo ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata u qeda torbot lill-imputat **Joseph Mary Borg** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena mil-lum** u dan billi ma' jimmolestax, ma' jddejjaqx u ma' jingurjax lill-*parte civile* **Prof. Victoria Ann Cremona, Dr Simon Busuttil, Kristina Isabella Chetcuti u Alessandra Dee Crespo**

Illi rigward it-talba **ai termini ta' l-Artikolu 533** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat fil-kaz odjern.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Il-Qorti qed tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat jinzamm fit-Taqsima Forensika u jinghata kull ghajnuna mehtiega, kemm medika kif ukoll psikologika u psikjatrika.**

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**